Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11178 – ASTARA MOBILITY / NISSAN AUSTRIA / NISSAN POLAND)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 234/03)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Astara Mobility ("Astara", Spanja), ikkontrollata bi sħab minn Bergé Group u Mitsubishi Corporation,

— Nissan Austria (l-Awstrija), li qabel kienet finalment ikkontrollata esklużivament minn Nissan Motor Co. Ltd u bħalissa kkontrollata esklużivament minn Astara (Spanja), u Nissan Poland (il-Polonja), finalment ikkontrollata esklużivament minn Nissan Motor Co. Ltd (flimkien "in-Negozju fil-Mira").

Astara se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Nissan Poland. Qabel, Astara kienet akkwistat il-kontroll esklużiv ta' Nissan Austria fi Frar 2022. Iż-żewġ akkwisti jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet billi jseħħu bejn l-istess impriżi f'perjodu ta' sentejn.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Astara hija attiva fl-importazzjoni, id-distribuzzjoni bl-ingrossa u bl-imnut ta' vetturi minn diversi ditti, il-bejgħ ta' spare parts, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ta' wara l-bejgħ, il-finanzjament u servizzi oħra f'diversi pajjiżi Ewropej u l-Amerka Latina kif ukoll fil-Filippini,

— In-Negozju fil-Mira jiddistribwixxi vetturi, spare parts, u aċċessorji tad-ditta Nissan fl-Awstrija u fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11178 – ASTARA MOBILITY / NISSAN AUSTRIA / NISSAN POLAND

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË